MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 6/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Lawrence Attard
George Grech

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 6 tas-sena 2005, kontra l-akkuzati Lawrence Attard u George Grech, li bih huma gew akkuzati talli :

Wara li l-Avukat Generali ppremetta illi fil-21 (wiehed u ghoxrin) ta' Jannar tal-elfejn (2000) f'xi hin ghall-habta tas-1.00 AM (siegha) ta' filghodu, fi Triq San Guzepp, Zabbar, Stephen Said, illum mejjet, flimkien ma Lawrence Attard u George Grech marru ghas-sodisfazzjon biex jaraw ghaliex Michael Depasquale kien qed min ghalihom isegwihom. Huma marru armati b-senter, u f'hin minnhom

Stephen Said flimkien ma Lawrence Attard u George Grech, spara l-istess senter fid-direzzjoni ta' Michael Depasquale u dana dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Michael Depasquale jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'periklu car, izda fortunatament Michael Depasquale ma mietx peress li t-tir laqat il-pilastru tal-karozza li kien fiha.

Illi l-istess Lawrence Attard u George Grech xjentement ghenu u assistew lil Stephen Said billi sahhew il-volonta' tieghu f'dan l-agir.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Lawrence Attard u George Grech saru hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, urew dana l-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Lawrence Attard u George Grech hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, urew dana l-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w independenti mill-volonta' taghhom.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat il-verdett tal-gurati tal-lum stess li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Lawrence Attard mhux hati tal-akkuza taht l-uniku kap**

**tal-Att tal-Akkuza w bi tmin (8) voti favur u vot (1) kontra sabu lill-akkuzat George Grech mhux hati tal-att tal-akkuza taht l-uniku kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara ghalhekk lil Lawrence Attard mhux hati tal-akkuza taht l-uniku kap tal-Att tal-Akkuza;**
**Tiddikjara ukoll lill-akkuzat George Grech mhux hati tal-akkuza taht l-uniku kap tal-att tal-Akkuza;**

**U wara li rat l-Artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara liz-zewg akkuzati mehlusa w, jekk ma humiex detenuti ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigu liberati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------